

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

# Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Sommarju – Rapport Annwali 2013



Aġenzija Ewropea  
għas-Saħħa u s-Sigurtà  
fuq il-Post tax-Xogħol



**Fl-isfond ta' ambjent ekonomiku diffiċli, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (l-Aġenzija) kompliet tippromwovi l-importanza ta' sigurtà u saħħa tajba fuq il-post tax-xogħol (OSH) billi tenfasizza fuq il-każ tan-negozji. U filwaqt li d-diskussjonijiet jtkomplew matul l-Istrateġija tal-UE li jmiss għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, l-Aġenzija għandha fehma ċara ta' kif għandha timxi 'l quddiem u adottat il-programm strateġiku l-ġdid tagħha għas-snin 2014-20.**

## 1 L-Osservatorju Ewropew tar-Riskji

Fl-2013, l-Aġenzija ppubblikat is-sejbiet tal-proġett ta' Previżjoni ewlieni tagħha tal-2012 — “L-impjegji ekoloġiċi u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol” — ir-[rapport prinċipali](#) bl-Ingliż u [rapport fil-qosor](#) f'sitt lingwi. Dan ġie segwit minn rapport dwar l-[OSH u l-enerġija mir-riħ](#) u fatti elettroniċi dwar [bini ekoloġiku](#) u [enerġija solari fuq skala żgħira](#) kif ukoll listi ta' kontroll għall-identifikazzjoni tal-periklu li jakkumpanjahom dwar [bini ekoloġiku](#) u [enerġija solari fuq skala żgħira](#). L-Aġenzija nediet ukoll websajt ġdida ddedikata għall-[OSH f'impjegji ekoloġiċi](#).

Il-proġetti ta' Previżjoni jieħdu approċċ ta' xenarju biex jidentifikaw u jantiċipaw riskji ta' OSH emerġenti li jirriżultaw minn bidliet fit-teknoloġija jew is-soċjetà. L-Aġenzija kkummissjonat studju ta' identifikazzjoni bikrija biex jiġu identifikati liema kwistjonijiet ġodda u emerġenti se jkunu l-iktar rilevanti biex jiġu esplorati fl-istudju ta' Previżjoni ewlieni li jmiss. Din ikkummissjonat ukoll analiżi tal-ogħla livell — “Kwistjonijiet ta' OSH attwali u emerġenti fis-settur tal-kura tas-saħħa, inkluża l-kura fid-dar u fil-komunità”. Il-kura tas-saħħa u soċjali ġiet identifikata bħala settur b'potenzjal kbir ta' impjegji, iżda huwa qasam ittraskurat f'termini ta' OSH, b'mod partikolari l-kura fid-dar u fil-komunità. Is-sejbiet ta' dan l-istudju se jiġu ppubblikati fl-2014.

Il-ħidma preparatorja għat-tieni edizzjoni ta' proġett ieħor mill-proġetti ewlenin tal-Aġenzija — l-[Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti \(ESENER\)](#) — tlestiet fl-2013. Din il-biċċa xogħol importanti tipprovdni għarfien dwar kif qegħdin jiġu ġestiti r-riskji fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa kollha. Għall-ewwel darba, l-istħarriġ tal-2014 se jinkludi l-mikrointrapriżi (5-10 impjegati) u s-settur tal-agrikoltura.

Biċċiet importanti oħra ta' xogħol li tlestew fl-2013 inkludew analiżi letterarja “[Riskji u tendenzi ġodda dwar is-saħħa u s-sigurtà tan-nisa fuq il-post tax-xogħol](#)”, li pprovdiet, fost għarfien ieħor, aġġornament importanti dwar kanċer marbut max-xogħol fin-nisa u perikli fuq il-post tax-xogħol għas-saħħa riproduttiva tan-nisa. Qegħdin jitħejjew rapport tal-ogħla livell dwar kanċers fuq il-post tax-xogħol u ieħor dwar il-perikli riproduttivi fuq il-post tax-xogħol u se jiġu ppubblikati fl-2014.



Ir-riżultati preliminari ta' proġett pilota ewlieni — “Xogħol aktar sigur u b'saħħtu f'kull età: is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ” — ġew ippreżentati f'konferenza fil-Parlament Ewropew f'Diċembru 2013. Il-[proċedimenti](#) ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Aġenzija fil-bidu tal-2014.

Ir-rapport tal-2013 tal-Aġenzija “[Prijoritajiet għar-riċerka dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa: 2013–2020](#)” jidentifika prijoritajiet tar-riċerka

biex jimtlew il-lakuni fl-għarfien tagħna f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020. Minn dan, l-Aġenzija se tfassal lista qasira ta' “prijoritajiet ewlenin” u dokumenti dwar il-pożizzjoni tal-kummissjoni fl-2014.

Fl-aħħar nett, tkompliet il-ħidma fuq il-[proġett OSHwiki](#) tal-Aġenzija bi tnejn għat-tnedija uffiċjali tiegħu fis-sajf 2014. B'kollox, ġew ikkummissjonati, miktuba u approvati 121 artiklu ġdid u 28 artiklu

ieħor għadhom qed jiġu żviluppatti. Dan il-proġett ġibed ħafna interess fis-Summit dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa f' Bilbao f' Novembru u qajjem interess ukoll mill-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-OSH.

## 2 Informazzjoni dwar l-Ambjent tax-Xogħol

It-tnejn tal-gwida tal-kampanja, għall-kampanja 2014–15 — [Ingas Stress għal Iktar Saħħa fuq ix-Xogħol](#) — kienet kisba kbira. Il-kampanji huma l-attività ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni ewlenija tal-Aġenzija u mod importanti kif jintlaħqu l-postijiet tax-xogħol, b'mod partikolari l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs). Sar ħafna xogħol ukoll fit-tnejn ta' informazzjoni Prattika biex jiġu appoġġati n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, fil-ġestjoni ta' riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Se tiġi ppubblikata gwida elettronika f'kull lingwa tal-UE fil-ħin għall-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol f'Ottubru 2014. FI-2014 se jiġu ppubblikati wkoll żewġ analiżi importanti mmirati biex itejbu l-fehim tagħna ta' riskji psikosoċjali u ta' strateġiji potenzjali biex dawn jiġu indirizzati

S'issa l-kampanja 2012-13 — [Naħdmu Flimkien biex Nevitaw ir-Riskji](#) — kienet l-iktar ta' suċċess, b'iktar attivitajiet u sħab uffiċjali minn qatt qabel. Din immarkat ukoll "l-ewwel waħda" importanti. F'Ġunju, l-Aġenzija organizzat avveniment tas-sħab tal-kampanja li kien ta' suċċess kbir — ["Benchmarking u Skambju ta' Prattika Tajba fis-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol"](#) — fi Brussell. Dan laqqa' professjonisti u dawk li jfasslu l-politika tal-OSH biex jikkondividu tagħlimiet meħuda u eżempji ta' Prattika tajba.

Minn meta tnedja l-proġett [Valutazzjoni tar-Riskju interattiva Onlajn \(OiRA\)](#) fl-2011, dan sar il-pedament tal-ħidma ta' l-ħuq tal-Aġenzija biex tippromwovi l-OSH fuq il-postijiet tax-xogħol fl-Ewropa kollha, b'mod speċifiku l-SMEs, li jinkludu 99 % tan-negozji u fejn ir-riżorsi ħafna drabi jkunu limitati. FI-2013, ġew ippubblikati disa' għodod ġodda: għodod għall-qtugħ tax-xagħar għall-Belġju (bil-Franċiż u l-Fjamming) u l-Portugall; għodda Spanjola għall-iskejjel għat-tagħlim tas-sewqan tal-karozzi u tal-waħda għall-workshops tal-ġilda u tal-konzerija (bil-Katalan); għodda Litwana għall-workshops tat-tiswijiet tal-karozzi; għodod tal-forniment tal-ikel għal Franza u l-Greċja; għodda Latvjana għal xogħol f'uffiċċju; u għodda ta' sigurtà privata għall-UE. Madwar 50 għodda oħra għadhom qegħdin jiġu żviluppatti, u issa hemm komunità tal-OiRA li taħdem flimkien fl-Ewropa kollha biex tiżviluppa u tiffina l-għodod. L-Aġenzija tappoġġa l-ħidma tagħna billi tippovdi taħriġ fl-użu tal-ġenerazzjoni tal-għodda tal-OiRA u helpdesk għall-komunità tal-OiRA.



Barra minn hekk, l-Aġenzija kkummissjonat studju dwar il-fattibbiltà fil-promozzjoni u l-appoġġ tal-użu mifruq tal-għodod għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-OSH li huma diġà disponibbli jew għadhom qegħdin jiġu żviluppatti fl-Istati Membri.

Pubblikazzjonijiet importanti oħra matul is-sena kienu r-rapporti ["Kulturi diversi fuq il-post tax-xogħol: l-iżgurar ta' sigurtà u saħħa permezz ta' tmexxija u parteċipazzjoni"](#) u ["Sigurtà u saħħa kif ukoll edukazzjoni fuq il-post tax-xogħol: approċċ ta' skola sħiħa"](#).

## 3 Komunikazzjoni, kampanji u promozzjoni

Il-Kampanja għall-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa 2012–13 — [Naħdmu Flimkien biex Nevitaw ir-Riskji](#) — bniet fuq il-kisbiet tas-sena preċedenti. Numru rekord ta' [87 sieħeb uffiċjali fil-kampanja](#) — kumpanji u organizzazzjonijiet mis-setturi pubbliċi u privati fl-Ewropa kollha — ingħaqdu

flimkien mal-Aġenzija biex jiffukaw fuq it-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol permezz ta' tmexxija maniġerjali u parteċipazzjoni tal-ħaddiema. Saru avvenimenti ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni f'iktar minn 30 pajjiż, u l-Aġenzija nediet [kaxxa tal-għodda tal-kampanja online](#) multilingwa, li tagħmilha iktar faċli għal kulħadd biex imexxi l-kampanja tiegħu stess dwar is-saħħa u s-sigurtà. L-ċerimonja tal-[Premijiet għal Prattika Tajba](#) saret f'Dublin f'April flimkien mal-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Matul il-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol f'Ottubru ġew organizzati mijiet ta' avvenimenti fil-livell nazzjonali — li ffukaw fuq it-taħriġ u l-ikkowċjar, seminars u konferenzi, kif ukoll tqajjim ta' sensibilizzazzjoni tal-kampanja u l-messaġġi tagħha permezz tal-midja soċjali. Il-kampanja ngħalqet f'Novembru bis-[Summit dwar Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa f'Bilbao](#). Dan l-avveniment laqqa' madwar 300 delegat biex jiskambjaw ideat u tagħlimiet meħuda, jibnu fuq il-kisbiet tal-kampanja u jiżguraw li l-ħidma ta' prevenzjoni tar-riskju tkompli ferm wara li tkun intemmet il-kampanja.



Malli l-kampanja 2012–13 bdiet toqrob lejn tmiemha, it-tnejniet kienu diġà fi stadju avanzat għall-kampanja 2014–15 — Inqas Stress għal Iktar Saħħa Fuq ix-Xogħol. Saru pjanijiet, inħolqot il-marka u ġie żviluppat [materjal promozzjonali](#) ewlieni. Ġie żviluppat ukoll mis-sħab tal-Aġenzija fil-Konsorzju ta' Napo [film dwar l-istress](#) bil-karattru animat popolari Napo bħala protagonist.

Is-sejbiet tat-tielet [Sfharriġ ta' Opinjoni Ewropew dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol](#) tnedew fid-9 ta' Mejju biex jikkoinċidu ma' Jum l-

Ewropa. Ġew intervistati iktar minn 16 500 ħaddiem f'31 pajjiż dwar stress u OSH marbut max-xogħol f'ħaddiema iktar anzjani. Ir-riżultati ġġeneraw kopertura kbira mill-istampa u kkonfermaw li l-messaġġ tal-kampanja 2014–15 — li r-riskji psikosoċjali jistgħu jiġu ġestiti bl-istess mod sistematiku bħal kull kwistjoni tal-OSH oħra — huwa wieħed li jeħtieġ li jiġi promoss fl-Ewropa kollha.

Portafoll ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni għall-punti ċentrali ġie dirett biex tiġi promossa l-OiRA u jitħeġġeġ l-użu tagħha fost l-SMEs. Saru disa' seminars promozzjonali matul is-sena fil-Belġju, Ċipru, il-Greċja (żewġ sessjonijiet marbuta), il-Latvja (tliet sessjonijiet marbuta) u l-Litwanja (żewġ sessjonijiet separati).

Għall-ħames sena konsekuttiva, l-Aġenzija ppreżentat il-[Premju tal-Films għal Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa](#) tagħha fil-Festival Internazzjonali ta' Leipzig għad-Dokumentarji u l-Films Animati ([DOK Leipzig](#)). L-Aġenzija tappoġġa wkoll il-produzzjoni u s-sottotitolar ta' DVDs tal-film rebbieħ għad-distribuzzjoni permezz ta' punti ċentrali nazzjonali u torganizza wirjiet fl-Ewropa kollha.





Fl-2013 tnieda film ġdid ta' [Napo dwar żelgiet u waqqgħat — Napo f'... M'hemm xejn tad-daħk](#). L-inizjattiva ta' "[Napo għall-għalliema](#)" tagħmel firxa ta' riżorsi, inklużi films ta' Napo, disponibbli onlajn, bil-għan ta' "mainstreaming", jew integrazzjoni, ta' OSH fl-edukazzjoni u l-istabbiliment ta' drawwriet ta' saħħa u sigurtà tajba fit-tfal minn età żgħira. Sa tmiem l-2013, il-pakkett "Napo għall-għalliema" kien disponibbli fi 18-il lingwa u ġie promoss fi 23 Stat Membru u pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Matul l-2013, l-uffiċċju tal-istampa ppromwova u rreklama l-ħidma tal-Aġenzija. Is-[sħubija tal-midja għall-kampanja](#) ssaħħet b'20 sieħeb tal-midja f'disa' Stati Membri jappoġġaw il-kampanja 2012–13. Approċċ ġdid għar-reklamar taċ-ċerimonja tal-Premijiet ta' Prattika Tajba kabbar il-profil tal-premijiet b'mod konsiderevoli. It-tfassil mill-ġdid tal-websajt tal-Aġenzija tkompla u se jitlestha fl-2014, li jsaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala l-ewwel punt ta' referenza tal-Ewropa għal informazzjoni dwar l-OSH. Fl-2013, l-Aġenzija ppubblikat 11-il rapport ġdid u 12-il fatt elettroniku, kif ukoll firxa ta' materjali promozzjonali u awdjoviżivi.

Is-sħubija ta' komunikazzjoni tal-Aġenzija man-Netwerk Enterprise Europe (EEN) kibret fl-2013: ġew organizzati 18-il laqgħa tas-sħubija nazzjonali minn punti ċentrali nazzjonali u ambaxxaturi EEN OSH bħala mod ta' disseminazzjoni ta' informazzjoni lejn il-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa — u l-SMEs b'mod partikolari. Iż-żewġ sħab ħadmu flimkien ukoll dwar il-Premju inawgurati EEN OSH, li jirrikonoxxi l-promozzjoni eċċellenti ta' messaġġi tal-OSH fl-SMEs. L-ewwel premju ġie ppreżentat fis-Summit dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa f'Bilbao f'Novembru.

## 4 Netwerking u koordinazzjoni

L-implimentazzjoni tal-[programm strateġiku pluriennali tal-Aġenzija għall-2014–20](#) se ssaħħaħ ir-rabtiet tagħha man-netwerk tal-punti ċentrali tagħha. Fl-2013, l-isfida kienet li jiġi żgurat li n-[netwerk tal-punti ċentrali](#) jkompli jiffunzjona tajjeb minkejja l-ambjent kummerċjali diffiċli. Żjarat ta' livell għoli jgħinu biex juru l-importanza tal-ħidma tal-punti ċentrali għall-gvernijiet u s-sħab soċjali. L-Aġenzija għamlet żewġ tali żjarat fl-2013 — waħda fil-Litwanja u waħda fil-Finlandja. B'mod internazzjonali, l-Aġenzija appoġġat lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol f'workshops ta' taħriġ għal dawk li jfasslu l-politika tal-OSH bil-promozzjoni tal-mudell tripartitiku Ewropew.

L-Aġenzija kompliet tfejji pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali għal involviment fl-attivitajiet tal-OSH Ewropej billi, pereżempju, tappoġġahom biex jingħaqdu man-netwerk tal-punti ċentrali tagħha u jieħdu sehem fl-attivitajiet tagħha, tittraduċi u tistampa materjal għall-Kampanja għall-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa, tqassam DVDs ta' Napo u tfeġġiġhom jieħdu sehem fil-Premijiet ta' Prattika Tajba. Din tal-aħħar kienet ta' suċċess partikolari fl-2013, bid-dikjarazzjoni ta' kumpanija Torka bħala waħda mir-rebbieħa — dimostrazzjoni eċċellenti tal-impatt tal-ħidma tal-Aġenzija.

L-Uffiċċju ta' Kollegament ta' Brussell kompla l-ħidma ċentrali tiegħu li jirrappreżenta lill-Aġenzija u jipprovdi informazzjoni lil sħab ewlenin. Fl-2013 saret enfasi ikbar fuq il-ħidma tal-Uffiċċju bid-dialogu soċjali Ewropew f'termini tal-potenzjal biex il-kumitati tad-dialogu soċjali settorjali jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' għodod għall-proġett tal-OiRA. L-Uffiċċju organizza wkoll żjara ta' studju li kienet ta' suċċess għall-Membri tal-Parlament Ewropew fil-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija sabiex ikunu jistgħu jitgħallmu iktar dwar kif taħdem mill-viċin.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA)**

tikkontribwixxi biex tagħmel l-Ewropa post għax-xogħol iżjed sigur, li jgħib 'il quddiem is-saħħa u iżjed produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà affidabbli, bilanċjata u imparzjali u torganizza kampanji pan-Ewropej biex titqajjem sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1996 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, kif ukoll esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE u lil hinn.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

12 Santiago de Compostela,

E-48003 Bilbao, Spain

Tel. +34 944358400

Faks +34 944358401

E-mail: [information@osha.europa.eu](mailto:information@osha.europa.eu)